**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 16 ta' Marzu, 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**
**(Spettur Kurt Farrugia)**

**vs.**

**Axil Carl Scicluna (KI 0441196(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Axil Carl Scicluna** ta' 26 sena, iben John u Michelle Scicluna nee' Zammit, imwieled ġewwa tal-Pieta nhar il-21 ta' Ottubru 1996, li jirrisjedi ġewwa Binja tas-Salvatur Ent B, Fl 4, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0441196M, akkuzat:

**1.** talli fil-lejl ta' bejn il-Ġimgħa 3 ta' Marzu 2023 u s-Sibt 4 ta' Marzu 2023, ġewwa Marsaskala, ikkommetta serq minn ġo vettura, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema valur ma jeċċediex l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u li sar għad-dannu ta' George Stellini u / jew persuni oħra u/jew entitajiet ohra,

**2.** U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-ammont ta' €250 għad-dannu ta' George Stellini u / jew persuni oħra u/jew entitajiet ohra,

**3.** U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' George Stellini u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok GK 3).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu fejn filwaqt li l-Prosekuzzjoni insistiet li l-Qorti ghandha tmur ghal piena karcerarja effettiva lejn il-massimu d-difiza sostniet li l-piena ghandha tkun lejn il-minimu in vista li kkopera fl-investigazzjoni u l-ammissjoni bikrija tieghu.

***Ikkunsidrat***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni fost ohrajn in-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali tal-imputat (Dok. "GK 1") u kif ukoll l-istqarrija tal-imputat (Dok 'GK 4').

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261 (b) (c) (f) (g), 263, 264, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 289, 325, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Axil Carl Scicluna** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu tikkundannaħ ghal piena ta' hdax (11) il-xahar priġunerija effettiva.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jinghataw lill-Avukat Generali bil-mezz u fiz-zmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

Caroline Perrett - Deputat Reġistratur